IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.5.2020
COM(2020) 187 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/99/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-ordni Ewropea ta' protezzjoni

1. INTRODUZZJONI

1.1. Sfond

Id-Direttiva 2011/99/UE dwar l-ordni Ewropea ta' protezzjoni ("id-Direttiva") tikkostitwixxi l-ewwel direttiva dwar ir-rikonoxximent reċiproku adottata skont l-Artikolu 82(1)(a) u (d) TFUE wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.

Id-Direttiva ġiet proposta fl-2010 fuq l-inizjattiva ta' 12-il Stat Membru (il-Belġju, il-Bulgarija, l-Estonja, Spanja, Franza, l-Italja, l-Ungerija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, il-Finlandja u l-Iżvezja). Hija ġiet adottata fit-13 ta' Diċembru 2011. Flimkien mar-Regolament 606/2013 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili[1] ("ir-Regolament") u mad-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità[2] ("id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi") hija ffurmat pakkett ta' miżuri mmirati lejn it-tisħiħ tad-drittijiet u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità fl-UE. B'mod aktar konkret, id-Direttiva u r-Regolament jittrattaw ir-rikonoxximent ta' ordnijiet ta' protezzjoni f'materji kriminali u ċivili u għandhom l-għan li jsaħħu l-protezzjoni ta' persuni fil-bżonn (vittmi u vittmi potenzjali) meta jivvjaġġaw jew imorru jgħixu fi Stat Membru ieħor.

Id-Direttiva hija vinkolanti fuq l-Istati Membri kollha bl-eċċezzjoni tal-Irlanda u d-Danimarka.

Fl-2018 il-Parlament Ewropew ippubblika rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva[3], ibbażat fuq studju mill-2017[4]. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew eżamina l-funzjonament tal-ordni Ewropea ta' protezzjoni fil-kuntest ta' studju ġenerali dwar il-liġi proċedurali kriminali fl-UE, li ġie ppubblikat fl-2018[5].

1.2. Għan u elementi ewlenin tad-Direttiva

L-objettiv tad-Direttiva huwa li din tiżgura li persuna li tibbenefika minn miżura ta' protezzjoni fi Stat Membru wieħed tista' tkompli tiddependi fuq tali protezzjoni meta tittrasferixxi ruħha jew tivvjaġġa lejn Stat Membru ieħor.

Id-Direttiva tistabbilixxi regoli li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jiżguraw tali protezzjoni kontinwa madwar l-Unjoni.

Id-Direttiva tirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat emittenti joħorġu, abbażi ta' ordni nazzjonali ta' protezzjoni, strument separat, l-ordni Ewropea ta' protezzjoni

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 606/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili, ĠU L 181, 29.6.2013, p. 4–12.

[2] Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI, ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57–73.

[3] Rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/99/UE dwar l-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni (2016/2329 (INI)), l-14 ta' Marzu 2018), https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-8-2018-0065_MT.html

[4] Studju dwar l-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni, EPRS, PE 603.272, Settembru 2017, http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2017/603272/EPRS_STU(2017)603272_EN.pdf

[5] Liġijiet proċedurali kriminali madwar l-Unjoni Ewropea — Analiżi komparattiva tad-differenzi ewlenin magħżula u l-impatt li għandhom fuq l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni tal-UE, PE 604.977, Awwissu 2018,https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2018/604977/IPOL_STU(2018)604977_EN.pdf

("EPO,"(European Protection Order)), u jibagħtuh lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni. L-awtorità ta' eżekuzzjoni tista' tadotta kwalunkwe miżura, disponibbli skont il-liġi nazzjonali tagħhom f'każ simili, sabiex tipprovdi protezzjoni kontinwa lill-persuna protetta. Abbażi ta' dan l-istrument, l-awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti tista' tkompli tipproteġi l-persuna protetta fit-territorju tagħha stess.

Id-Direttiva hija applikabbli għal miżuri nazzjonali ta' protezzjoni li għandhom l-għan li jipproteġu persuna minn atti kriminali li jistgħu jipperikolaw il-ħajja, l-integrità fiżika, psikoloġika jew sesswali tagħhom, id-dinjità jew il-libertà personali tagħhom. Hija applikabbli għat-tliet tipi ta' miżuri nazzjonali ta' protezzjoni l-aktar komuni:

- il-projbizzjoni mid-dħul f'postijiet li l-persuna protetta żżur regolarment jew li fihom tirrisjedi, taħdem, jew tgħix;
- il-projbizzjoni jew regolamentazzjoni tal-kuntatt, fi kwalunkwe forma, mal-persuna protetta;
- il-projbizzjoni jew regolamentazzjoni milli wieħed jersaq lejn il-persuna protetta eqreb mid-distanza preskritta.

Fil-prattika, il-miżuri ta' protezzjoni huma applikati l-aktar għall-protezzjoni tan-nisa f'każijiet ta' vjolenza minn sieħeb intimu jew vjolenza domestika, fastidju, segwiment ta' persuna bil-moħbi jew attakk sesswali. Dan għaliex il-vittmi ta' tali reati huma partikolarment esposti għal vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, intimidazzjoni u ritaljazzjoni.

1.3. Objettiv u kamp ta' applikazzjoni tar-rapport

Dan ir-rapport jivvaluta l-applikazzjoni tad-Direttiva, kif meħtieġ mill-Artikolu 23 tagħha. Il-valutazzjoni hija bbażata fuq analiżi tal-miżuri nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva li ġew innotifikati lill-Kummissjoni u ta' *data* addizzjonali li l-Istati Membri kkomunikaw lill-Kummissjoni (skont l-Artikoli 21 u 22 tad-Direttiva rispettivament).

Dan ir-rapport jiffoka fuq dispożizzjonijiet li jiffurmaw il-qalba tad-Direttiva u huma kruċjali għall-funzjonament bla xkiel tal-EPO. Dawn id-dispożizzjonijiet jinkludu: d-dežinjazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti; il-ħtieġa ta' miżura ta' protezzjoni eżistenti skont il-liġi nazzjonali; il-ħruġ u r-rikonoxximent ta' EPO; il-konsegwenzi ta' ksur tal-miżuri meħudin abbażi ta' EPO; u l-obbligu li l-partijiet jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom u dwar id-deċiżjonijiet rilevanti.

Ir-rapport ikopri l-Istati Membri kollha marbutin bid-Direttiva[6].

2. VALUTAZZJONI ĠENERALI

Mal-iskadenza tal-perjodu ta' traspożizzjoni fl-11 ta' Jannar 2015 (Artikolu 21(1)), 14-il Stat Membru ma kinux ikkomunikaw il-miżuri meħtieġa lill-Kummissjoni: Il-

[6] Ir-rapport jinkludi lir-Renju Unit peress li l-valutazzjoni tkopri kemm iż-żmien meta dan kien Stat Membru tal-UE kif ukoll parti mill-perjodu ta' tranżizzjoni li matulu d-Direttiva tapplika fir-Renju Unit.

Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Greċja, Franza, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja.

F'Marzu 2015, il-Kummissjoni nediet ksur skont l-Artikolu 258 tat-TFUE kontra dawn l-Istati Membri kollha billi naqsu milli jikkomunikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni bagħtet opinjonijiet motivati lill-Greċja u lir-Rumanija f'Diċembru 2015 u lill-Belġju f'Lulju 2016. Sal-4 ta' Ottubru 2017, l-Istati Membri kollha marbuta bid-Direttiva nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni tagħhom. L-analiżi *prima facie* tal-miżuri nnotifikati ma wrietx elementi neqsin. Ingħalqu l-proċedimenti ta' ksur għal traspożizzjoni mhux kompluta. Madankollu dan ma jipprekludix li l-Kummissjoni tista' tiftaħ aktar proċedimenti ta' ksur f'każijiet ta' traspożizzjoni mhux korretta tad-Direttiva.

L-Istati Membri kollha infurmaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet ġudizzjarji jew ekwivalenti li huma kompetenti li joħorġu u jwettqu l-EPOs. Xi Stati Membri ma kkomunikawx id-*data* rilevanti dwar l-applikazzjoni tal-istrument meħtieġ mill-Artikolu 22 tad-Direttiva.

L-analiżi turi li Stat Membru wieħed ma stabbilixxiex l-istrutturi meħtieġa għall-ħruġ u r-rikonoxximent tal-EPOs. Il-Kummissjoni bħalissa qed taħdem ma' dan l-Istat Membru biex issolvi l-kwistjoni. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tieħu azzjoni legali.

3. PUNTI SPEĊIFIĊI TA' VALUTAZZJONI

3.1. Awtoritajiet kompetenti (Artikolu 3 u Artikolu 4)

L-Artikolu 3 jirrikjedi li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar liema awtoritajiet ġudizzjarji jew ekwivalenti huma kompetenti li joħorġu u jirrikonoxxu l-EPOs.

Għall-maġġoranza tal-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti li joħorġu l-EPOs huma l-qrati, il-prosekuturi pubbliċi jew il-maġistrati istrutturi. Fi Stat Membru wieħed, ġew innominati l-awtoritajiet tal-pulizija. Stat Membru li fih ma jistgħux jinħarġu EPOs f'materji kriminali, ħatar il-qrati ċivili, bħala Stat ta' eżekuzzjoni, biex jintlaqgħu talbiet għall-ħruġ ta' EPOs u t-trasferiment tagħhom lill-Istat emittenti f'konformità mal-Artikolu 6(3).

Bħala awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti, maġġoranza kbira ta' Stati Membri ħatru awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti ġeografikament. Stat Membru wieħed ħatar il-pulizija. Għal każijiet b'residenza mhux magħrufa tal-persuna protetta, żewġ Stati Membri addizzjonalment ħatru l-qrati fil-kapitali tagħhom.

L-Artikolu 4 jipprovdi l-possibbiltà li l-Istati Membri jaħtru awtorità ċentrali waħda jew aktar li jassistu lill-awtoritajiet kompetenti. Aktar minn nofs l-Istati Membri ħatru awtorità ċentrali (Ministeru tal-Ġustizzja fil-maġġoranza tal-każijiet).

L-informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti nġabret l-aktar permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika. Madankollu, nofs l-Istati Membri biss wieġbu għat-talba tal-Ġustizzja elettronika u għadd żgħir minnhom ikkomunikaw l-informazzjoni direttament f'dokument separat lill-bażi tad-*data* ta' miżuri nazzjonali

ta' eżekuzzjoni. Fin-nuqqas ta' komunikazzjoni mill-Istati Membri l-oħra, l-informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti kellha tiġi identifikata u estratta mill-miżuri leġiżlattivi nazzjonali nnotifikati lill-bażi tad-*data* tal-miżuri nazzjonali ta' eżekuzzjoni. L-informazzjoni riċevuta hija disponibbli fis-sit web tan-Network Ġudizzjarju Ewropew[7].

3.2. Reġim tal-lingwa (Artikolu 17)

EPO trid tiġi tradotta mill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti fil-lingwa/i uffiċjali tal-Istat ta' eżekuzzjoni (Artikolu 17(1)). L-Istati Membri jistgħu jiddikjaraw li jaċċettaw traduzzjoni f'waħda jew aktar mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni (Artikolu 17(3)).

Kienu biss ftit l-Istati Membri li infurmaw lill-Kummissjoni li jaċċettaw lingwi oħra barra mil-lingwa tagħhom. Diversi Stati Membri jaċċettaw il-lingwa Ingliża. Għadd żgħir ta' Stati Membri jaċċettaw EPOs deħlin f'lingwi addizzjonali fuq bażi reċiproka.

3.3. Ħruġ ta' ordni Ewropea ta' protezzjoni (Artikolu 5 u Artikolu 6)

Skont id-Direttiva, EPO ma tinħariġx awtomatikament fuq talba tal-persuna protetta. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti trid tivverifika jekk il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' EPO stipulati fl-Artikolu 5 jkunux issodisfati u tqis it-tul tas-soġġorn previst u l-gravità tal-ħtieġa għall-protezzjoni.

Xi Stati Membri jifformalizzaw il-kundizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni tagħhom. Pereżempju, Stat Membru wieħed jirrikjedi d-deskrizzjoni tar-raġunijiet għat-trasferiment lejn Stat Membru ieħor. Stat Membru ieħor jirrikjedi li d-durata taż-żjara tkun itwal minn 3 xhur.

Id-Direttiva tirrikjedi li t-talba għall-ħruġ ta' EPO jenħtieġ li tiġi ttrattata b'ħeffa xierqa , filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ (Premessa 13). F'dan ir-rigward, ta' min wieħed isemmi li xi Stati Membri stipulaw skadenzi ta' tlitt ijiem (3), għaxart ijiem (10) jew ħmistax-il jum (15), għat-teħid ta' deċiżjoni dwar EPO. Stat Membru wieħed jispeċifika li EPO tista' tinħareġ fl-istess ħin li tiġi imposta l-miżura nazzjonali ta' protezzjoni.

Id-Direttiva tipprevedi wkoll li l-persuna protetta tista' tippreżenta talba għall-ħruġ ta' EPO lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti jew tal-Istat ta' eżekuzzjoni. Dan tal-aħħar huwa obbligat jittrasferixxi t-talba malajr kemm jista' jkun lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti (Artikolu 6(3)). Għadd sinifikanti ta' Stati Membri ppermettew li jsir dan it-trasferiment tat-talbiet.

Madankollu, fi ftit Stati Membri l-Kummissjoni ma identifikatx dispożizzjonijiet bħal dawn li jippermettu t-trasferiment ta' talbiet.

[7] https://www.ejn-crimjust.europa.eu/ejn/libcategories.aspx?l=MT&Id=85.

3.3.1. Garanziji proċedurali għall-persuna li tikkawża l-periklu (Artikolu 6(4))

Id-Direttiva tirrikjedi li qabel il-ħruġ ta' EPO, il-persuna li tikkawża l-periklu jkollha d-dritt li tinstema' u li tikkontesta l-miżura nazzjonali ta' protezzjoni jekk dik il-persuna ma tkunx ingħatat dawn id-drittijiet fil-proċedura li twassal għall-adozzjoni tal-miżura nazzjonali ta' protezzjoni (Artikolu 6(4)).

Aktar minn nofs l-Istati Membri ttrasponew din id-dispożizzjoni. Xi wħud minnhom imorru lil hinn mir-rekwiżit minimu stabbilit fl-Artikolu 6(4) tad-Direttiva. Pereżempju, fi Stat Membru wieħed persuna li tikkawża l-periklu li ma nstemgħetx fil-proċedimenti li fihom ġiet adottata l-miżura nazzjonali ta' protezzjoni tissejjaħ għal seduta ta' smigħ fi żmien 72 siegħa mit-talba għall-ħruġ ta' EPO. Fi Stat Membru ieħor, l-awtorità emittenti għandha tivverifika jekk il-miżura nazzjonali ta' protezzjoni ġietx adottata bi proċedura kontradittorja. Jekk dan ma jkunx il-każ, hija tinnotifika lill-persuna li tikkawża l-periklu bid-deċiżjoni li jkun fiha l-miżura nazzjonali ta' protezzjoni. Stat Membru ieħor jitlob li jsir smigħ kemm tal-persuna protetta kif ukoll tal-persuna li tikkawża l-periklu sakemm dawn iż-żewġ partijiet ma jaqblux dwar proċedura bil-miktub.

3.3.2. Obbligi li l-persuna protetta tiġi informata (Artikolu 6(5) u (7))

Skont id-Direttiva, hekk kif tiġi adottata l-miżura nazzjonali ta' protezzjoni, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tinforma lill-persuna protetta dwar il-possibbiltà li titlob EPO, f'konformità mal-proċeduri skont il-liġi nazzjonali tagħha (Artikolu 6(5)).

Għadd ta' Stati Membri ttrasponew dan l-obbligu billi imponew obbligu espliċitu fuq l-awtoritajiet kompetenti biex jinformaw lill-persuna protetta mal-adozzjoni ta' miżura nazzjonali ta' protezzjoni.

Barra minn hekk, id-Direttiva tistipula li jekk it-talba biex tinħareġ EPO tiġi rrifjutata, l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti trid tinforma lill-persuna protetta bi kwalunkwe rimedji legali applikabbli li jkunu disponibbli skont il-liġi nazzjonali tagħha kontra tali deċiżjoni (Artikolu 6(7)).

L-obbligu li l-persuna protetta tiġi informata ġie traspost mill-Istati Membri b'modi differenti. F'diversi Stati Membri, il-liġi nazzjonali tobbliga lill-awtorità li tirrifjuta t-talba li toħroġ EPO biex tinforma lill-persuna protetta bir-rimedji legali disponibbli. F'għadd żgħir ta' Stati Membri, id-deċiżjoni dwar ir-rifjut tal-ħruġ ta' EPO tiġi nnotifikata lill-persuna protetta, jew il-persuna protetta tiġi informata dwar id-deċiżjoni u r-raġunijiet għaliha. Madankollu, mhuwiex iddikjarat b'mod ċar fil-liġijiet ta' traspożizzjoni li l-persuna protetta tiġi wkoll informata dwar ir-rimedji legali eżistenti.

Fi ftit Stati Membri, ma ġiet identifikata l-ebda dispożizzjoni biex il-persuna protetta tiġi informata dwar ir-rimedji.

3.4. Rikonoxximent ta' ordni Ewropea ta' protezzjoni (Artikolu 9, Artikolu 10 u Artikolu 15)

3.4.1. Proċedura għar-rikonoxximent u l-adozzjoni (Artikolu 9(1)–(2))

Mal-wasla ta' EPO l-Istat ta' eżekuzzjoni jrid, mingħajr dewmien żejjed, jirrikonoxxiha u jadotta miżura ta' protezzjoni rilevanti li tkun disponibbli skont il-liġi nazzjonali tiegħu f'każ simili (Artikolu 9(1) u (2)). L-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha grad ta' diskrezzjoni fid-determinazzjoni ta' tali miżura.

Il-mekkaniżmu ta' adattament imsemmi hawn fuq huwa disponibbli fi kważi l-Istati Membri kollha. Wieħed biss ma għarrafx lill-Kummissjoni dwar il-miżuri nazzjonali tiegħu li jittrasponu l-proċedura għall-ħruġ u r-rikonoxximent tal-EPOs.

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' wħud mill-Istati Membri, huwa ddikjarat b'mod espliċitu li l-miżura adottata ma tistax tkun aktar riġida jew aktar stretta mill-miżura oriġinali, li jenħtieġ li tkun ekwivalenti jew inqas severa, jew li jenħtieġ li titqies kwalunkwe differenza favur il-persuna li tikkawża l-periklu.

Fi Stat Membru wieħed, id-dispożizzjoni ta' traspożizzjoni tiddikjara li jekk l-awtorità ta' eżekuzzjoni tqis li l-miżura ta' protezzjoni, kif riflessa fl-EPO, ma tkunx biżżejjed u xierqa biex tiżgura protezzjoni kontinwa, hija tista' titlob lil bord ta' tliet imħallfin li jaġġusta l-miżura jew jimponi kull miżura oħra prevista taħt il-liġi nazzjonali tiegħu.

Rigward id-durata tal-miżura l-ġdida ta' protezzjoni, id-dritt nazzjonali ta' Stat Membru partikolari jippermetti espressament l-adozzjoni ta' miżura nazzjonali ta' protezzjoni tal-istess durata bħal dik adottata fl-Istat emittenti. Żewġ Stati Membri jeżiġu durata speċifika f'dak li għandu x'jaqsam mal-miżura l-ġdida ta' protezzjoni – f'wieħed minnhom ma tistax tinqabeż id-durata ta' 180 jum filwaqt li fl-ieħor ma tistax tinqabeż sena.

3.4.2. Qafas ta' żmien għar-rikonoxximent u prijorità fir-rikonoxximent (Artikolu 15)

Id-Direttiva ma tipprevedix skadenza obbligatorja għar-rikonoxximent ta' EPO jew għall-adozzjoni ta' miżura nazzjonali ta' protezzjoni abbażi ta' EPO. Madankollu, xi Stati Membri introduċew skadenzi speċifiċi biex jeżegwixxu EPO, u jobbligaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom li jirrikonoxxu EPO jew jieħdu deċiżjoni oħra dwar il-miżura. L-iskadenza hija ta' jumejn (2), tlitt ijiem (3), għaxart ijiem (10), ħmistax-il jum(15), seba' + għaxart ijiem(7 + 10), jew tmienja u għoxrin jum (28), skont l-Istat Membru. Dawn l-Istati Membri introduċew il-possibbiltà li tiġi estiża l-iskadenza jekk l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikollhom bżonn jikkonsultaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat emittenti minħabba informazzjoni mhux kompluta li tinsab fl-EPO (proċedura stabbilita fl-Artikolu 9(4)).

L-Artikolu 15 tad-Direttiva jistipula li f'każ simili trid tiġi rikonoxxuta EPO bl-istess prijorità bħala miżura nazzjonali ta' protezzjoni. Xi ftit mill-Istati Membri ttrasponew litteralment il-kliem tal-Artikolu 15. Diversi Stati Membri jeħtieġu li d-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent tittieħed mingħajr dewmien, minnufih jew b'urġenza.

3.4.3. Obbligu li l-persuna protetta, il-persuna li tikkawża l-periklu u l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti jiġu informati dwar il-miżuri adottati u l-konsegwenzi tal-ksur tagħhom (Artikolu 9(3))

Id-Direttiva timponi obbligu fuq l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni li tinforma lill-persuna protetta, lill-persuna li tikkawża l-periklu u lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti dwar kull miżura adottata abbażi ta' EPO. Trid ukoll tinformahom dwar il-konsegwenza legali possibbli (eż. sanzjonijiet) ta' ksur ta' tali miżura prevista skont il-liġi nazzjonali, u f'konformità mal-Artikolu 11(2).

Il-livell ta' traspożizzjoni ta' dan l-obbligu jvarja fost l-Istati Membri. Ħafna minnhom ittrasponew l-obbligu li tingħata informazzjoni dwar il-miżuri adottati fuq il-bażi ta' EPO fir-rigward tat-tliet partijiet kollha. Diversi Stati Membri llimitaw il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-obbligu u indirizzaw l-informazzjoni biss:

- lill-Istat emittenti u lill-persuna li tikkawża l-periklu;
- lill-persuna protetta u lill-persuna li tikkawża l-periklu u, f'xi wħud mill-Istati Membri, addizzjonalment, lill-awtoritajiet fil-viċinanza tal-persuna protetta fl-Istat ta' esekuzzjoni, bħall-prosekutur jew il-pulizija;
- lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti, bl-aspettattiva li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jgħaddu l-informazzjoni lill-persuna protetta.

Fi ftit Stati Membri, id-dispożizzjonijiet rilevanti ma setgħux jiġu identifikati.

Barra minn hekk, f'xi wħud mill-Istati Membri, ma tingħata l-ebda informazzjoni dwar il-konsegwenzi legali possibbli ta' ksur tal-miżura ta' protezzjoni adottata abbażi tal-EPO. Stat Membru wieħed jipprovdi l-informazzjoni lill-persuna li tikkawża l-periklu biss, u ieħor jipprovdiha biss lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti u lill-persuna li tikkawża l-periklu.

3.4.4. Raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent (Artikolu 10(1))

Id-Direttiva tipprevedi disa' raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent ta' EPO (Artikolu 10(1)). L-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu EPO abbażi ta' dawn ir-raġunijiet. Diversi Stati Membri ttrasponew ir-raġunijiet bħala fakultattivi u wieħed introduċihom bħala obbligatorji. F'xi Stati Membri oħrajn ħafna mir-raġunijiet ta' nuqqas ta' rikonoxximent huma introdotti bħala obbligatorji u għadd żgħir huma introdotti bħala fakultattivi. Żewġ Stati użaw iż-żewġ approċċi (dak obbligatorju u dak fakultattiv) fit-traspożizzjoni ta' dawn ir-raġunijiet, kważi fuq bażi ugwali.

Xi Stati Membri oħra ttrasponew il-biċċa l-kbira tar-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent (bħala fakultattivi), iżda fl-istess ħin ma introduċew l-ebda waħda mir-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent. Xi ftit minnhom ma ttrasponew bl-ebda mod ir-raġunijiet ta' nuqqas ta' rikonoxximent.

Tali approċċi għall-implimentazzjoni jistgħu jwasslu għal diskrepanzi bejn l-ordnijiet legali differenti u jistgħu potenzjalment jagħmlu l-applikazzjoni tad-Direttiva aktar diffiċli fil-prattika.

Minbarra r-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent stabbiliti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva, xi Stati Membri stabbilixxew raġunijiet addizzjonali għan-nuqqas ta' rikonoxximent tal-EPOs fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, marbuta ma' ksur possibbli tad-drittijiet fundamentali tal-persuna li tikkawża l-periklu.

3.4.5. Obbligi li l-persuna protetta u l-Istat emittenti jiġu informati dwar in-nuqqas ta' rikonoxximent tal-ordni Ewropea ta' protezzjoni (Artikolu 10(2))

Id-Direttiva timponi għadd ta' obbligi ta' informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni li tirrifjuta li tirrikonoxxi EPO. Din l-awtorità kompetenti trid tinforma lill-Istat emittenti u lill-persuna protetta dwar dan ir-rifjut u dwar ir-raġunijiet għalih mingħajr dewmien żejjed. Kważi l-Istati Membri kollha kkonċernati ttrasponew dan l-obbligu. Madankollu, f'uħud minnhom, id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni jobbligaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom li jinfurmaw biss lill-Istat emittenti, mhux lill-persuna protetta.

Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni trid tinforma, fejn xieraq, lill-persuna protetta dwar il-possibbiltà li titlob l-adozzjoni ta' miżura ta' protezzjoni skont il-liġi nazzjonali tagħha. Għadd ta' Stati Membri ttrasponew dan l-obbligu iżda diversi Stati Membri ma ttrasponewħx.

Id-Direttiva tistipula li l-persuna protetta trid tiġi informata wkoll mill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni dwar kull rimedju legali applikabbli skont il-liġi nazzjonali ta' dan l-Istat kontra d-deċiżjoni dwar in-nuqqas ta' rikonoxximent. Diversi Stati Membri ma ttrasponewx dan l-obbligu.

3.5. Adozzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni abbażi ta' ordni Ewropea ta' protezzjoni, ksur tal-miżuri u l-konsegwenzi tiegħu, u l-obbligu ta' notifika marbuta mal-ksur (Artikolu 11 u Artikolu 12)

3.5.1. Proċeduri għall-adozzjoni u l-infurzar tal-miżuri ta' protezzjoni (Artikolu 11(1))

Skont id-Direttiva, l-Istat ta' eżekuzzjoni jrid ikun kompetenti biex jadotta u jinforza l-miżuri ta' protezzjoni fit-territorju tiegħu wara r-rikonoxximent ta' EPO u l-liġi ta' dak l-Istat għandha tapplika għal tali deċiżjonijiet (Artikolu 11(1)).

Fl-Istati Membri kollha ħlief wieħed, id-dispożizzjoni ta' traspożizzjoni tfakkar li l-liġi nazzjonali tapplika għall-adozzjoni u l-infurzar tal-miżuri ta' protezzjoni. Stat Membru wieħed speċifika li hija meħtieġa seduta ta' smigħ tal-persuna li tikkawża l-periklu meta tiġi adottata miżura nazzjonali ta' protezzjoni. Fi kliem ieħor, seduta bħal din hija meħtieġa dment li kemm il-persuna protetta kif ukoll il-persuna li tikkawża l-periklu jaqblu, minflok, dwar proċedura bil-miktub. Fi ftit Stati Membri oħra tali seduti ta' smigħ iridu jsiru jekk ikun possibbli. Hemm ukoll Stat Membru wieħed li jipprovdi espliċitament fil-liġi ta' traspożizzjoni li r-rikonoxximent ta' EPO u l-adozzjoni ta' miżura ta' protezzjoni xierqa jsiru mingħajr ma tkun instemgħet il-persuna li tikkawża l-periklu.

Il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni trid tapplika wkoll għar-rimedji legali kontra d-deċiżjonijiet adottati f'dak l-Istat fir-rigward tal-EPO (Artikolu 11(1)). Id-Direttiva ma tipprevedix rimedju legali awtonomu għall-persuna li tikkawża l-periklu, jekk din il-persuna tkun tixtieq tikkontesta l-miżura ta' protezzjoni adottata fl-Istat ta' eżekuzzjoni. F'dan ir-rigward, id-Direttiva tirreferi għall-proċeduri nazzjonali, jekk jeżistu fil-liġi domestika ta' dak l-Istat. Jenħtieġ li jiġi nnutat li d-Direttiva ma tipprevedix obbligu li l-persuna li tikkawża l-periklu tiġi informata dwar ir-rimedji disponibbli.

Għadd żgħir ta' Stati Membri pprovdew b'mod espliċitu fil-liġi tat-traspożizzjoni tagħhom li l-persuna li tikkawża l-periklu għandha d-dritt li tikkontesta r-rikonoxximent ta' EPO u/jew l-adozzjoni ta' miżura nazzjonali ta' protezzjoni bbażata fuqha. Ir-rimedji legali disponibbli jvarjaw minn ilment (b'effett sospensiv jew mingħajru) lill-istess awtorità li tkun irrikonoxxiet l-EPO u adottat il-miżura ta' protezzjoni nazzjonali, għal appell lil awtorità ogħla fuq bażi ta' liġi jew ta' fatti jew sabiex tiġi kontestata l-ammissibbiltà.

3.5.2. Konsegwenzi fil-każ ta' ksur tal-miżura ta' protezzjoni (Artikolu 11(2))

Id-Direttiva tittratta sanzjonijiet u konsegwenzi legali oħra fil-każ ta' ksur ta' miżura waħda jew aktar meħuda mill-Istat ta' eżekuzzjoni wara r-rikonoxximent ta' EPO (Artikolu 11(2)).

Id-Direttiva tippermetti lill-Istat ta' eżekuzzjoni jimponi pieni kriminali u jieħu kull miżura oħra b'konsegwenza tal-ksur, jekk dan il-ksur jammonta għal reat kriminali skont il-liġi ta' dan l-Istat (Artikolu 11(2)(a)).

Dan l-Istat għandu l-permess ukoll li jieħu kwalunkwe deċiżjoni mhux kriminali marbuta mal-ksur (Artikolu 11(2)(b)) u kwalunkwe miżura urġenti u proviżorja biex jintemm il-ksur pendenti, sakemm, fejn xieraq, tittieħed deċiżjoni sussegwenti mill-Istat emittenti (Artikolu 11(2)(c)).

Diversi Stati Membri ttrasponew dawn id-dispożizzjonijiet kważi litteralment. Fid-dispożizzjonijiet ta' traspożizzjoni tagħhom, xi wħud speċifikaw il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità mal-miżura meħuda mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, fil-każ ta' rikonoxximent ta' EPO. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' għadd żgħir ta' Stati Membri tipprevedi priġunerija u/jew multa għal nuqqas ta' konformità mal-obbligu jew ma' projbizzjonijiet imposti permezz ta' EPO. Żewġ Stati Membri jipprevedu biss penali finanzjarji. Xi oħrajn irreferew għal miżura "aktar qawwija" jew "eħrex" jew "miżura ta' tip ieħor ta' protezzjoni jew assistenza" mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti.

F'għadd żgħir ta' Stati Membri, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva ma ġewx identifikati.

3.5.3. Obbligu ta' notifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti f'każ ta' ksur tal-miżura ta' protezzjoni (Artikolu 12)

Id-Direttiva tobbliga lill-Istat ta' esekuzzjoni li jinnotifika lill-Istat emittenti jew lill-Istat ta' superviżjoni[8] bi kwalunkwe ksur tal-miżura jew miżuri meħuda abbażi ta' EPO (Artikolu 12). L-għan ta' din in-notifika huwa li tippermetti lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti tiddeċiedi fil-pront dwar kull tweġiba xierqa fir-rigward tal-miżura ta' protezzjoni imposta f'dak l-Istat fuq il-persuna li tikkawża l-periklu (Premessa 26).

Biex tiffaċilita n-notifika, id-Direttiva tipprovdi formola standard uniformi fl-Anness II u tobbliga lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' esekuzzjoni li tużaha (Artikolu 12). Il-formola għandu jkun fiha informazzjoni standard dwar il-persuni kkonċernati, dettalji dwar l-EPO u l-awtoritajiet kompetenti.

Stat Membru wieħed ma ttrasponiex dan l-obbligu.

4. ĠBIR TA' *DATA*

Biex tiġi ffaċilitata l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tagħha, id-Direttiva tipprevedi li l-Istati Membri jridu jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-*data* rilevanti marbuta mal-applikazzjoni ta' proċeduri nazzjonali dwar l-EPOs, tal-inqas dwar l-għadd ta' EPOs mitluba, maħruġa u/jew rikonoxxuti (Artikolu 22). Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mistiedna jipprovdu tipi oħra ta' *data*, bħal, pereżempju, it-tipi ta' reati kkonċernati (Premessa 32).

Intbagħtu żewġ kwestjonarji lill-Istati Membri li talbu l-informazzjoni msemmija hawn fuq, sal-1 ta' Settembru 2017 (għas-snin mill-2015 sa nofs l-2017[9]) u sal-11 ta' Marzu 2019 (għas-snin 2015-2018) rispettivament.

Dsatax-il Stat Membru (19) wieġbu għall-kwestjonarju mibgħut fl-2017 u/jew għal dak mibgħut fl-2019. Tliet Stati Membri (3) mid-dsatax (19) wieġbu biss għall-kwestjonarju mibgħut fl-2017. Is-sittax-il Stat Membru l-oħra (16) pprovdew informazzjoni aġġornata fl-2019.

L-istatistika pprovduta mill-Istati Membri u kkumpilata għas-snin 2015-2018 tirreġistra total ta' 37 EPO maħruġa. Skont it-tweġibiet għall-kwestjonarju, il-maġġoranza tal-EPOs irrapportati nħarġu minn Stat Membru wieħed (27 minn 37). Żewġ Stati Membri oħra wkoll irrappurtaw li ħarġu EPOs. Mill-informazzjoni disponibbli, ħmistax-il EPO (15) biss ġew rikonoxxuti u wasslu għall-adozzjoni ta' miżura (i) ta' protezzjoni fl-Istat ta' eżekuzzjoni (erbgħa (4) fl-2015, ħamsa (5) fl-2016, tlieta (3) fl-ewwel nofs tal-2017, u tlieta (3) fl-2017-2018). Fl-aħħar nett, għaxar (10) Stati Membri rrappurtaw li la ħarġu u lanqas irrikonoxxew EPOs.

[8] Dan japplika f'każ ta' sentenza skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/947/ĠAI dwar miżuri ta' probation u ta' sanzjonijiet alternattivi, jew deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/829/JHA

[9] It-30 ta' Ġunju 2017

Xi Stati Membri għandhom eżempji ta' prattiki tajbin ta' sistemi ta' ġestjoni ta' każijiet, b'xi wħud minnhom jinkludu r-reġistrazzjoni ta' EPOs.

5. KONKLUŻJONI

Id-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' implimentazzjoni li waslu mis-26 Stat Membru kollha marbuta bid-Direttiva jidhru li huma b'mod ġenerali sodisfaċenti, speċjalment fir-rigward tal-mekkaniżmu għar-rikonoxximent tal-EPOs. Id-dispożizzjonijiet ta' traspożizzjoni huma biżżejjed biex jippermettu l-ħruġ u r-rikonoxximent tal-EPOs fl-Istati Membri kollha ħlief wieħed.

Madankollu, l-analiżi tal-applikazzjoni prattika tad-Direttiva turi li għadha ma laħqitx il-potenzjal sħiħ tagħha, kif jidher mill-għadd baxx ta' EPOs maħruġa u eżegwiti. Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, inħarġu biss 37 EPOs u ġew eżegwiti biss 15. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-ħruġ ta' EPOs mhumiex konxji għal kollox mill-possibbiltajiet li jeżistu jekk jagħmlu dan. Barra minn hekk, persuni li jeħtieġu l-protezzjoni jistgħu ma jkunux konxji għall-kollox mill-possibbiltà li jitolbu EPO.

F'uħud mill-Istati Membri, jenħtieġ li tittejjeb l-implimentazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva, bħall-obbligu li tingħata l-informazzjoni.

Xi Stati Membri ma jipprevedu l-ebda sanzjoni għal ksur ta' miżura adottata b'rikonoxximent ta' EPO. Dan jista' jkollu effett ta' deterrent fuq talbiet potenzjali għal din il-forma ta' protezzjoni transfruntiera.

Il-varjetà wiesgħa ta' miżuri ta' protezzjoni disponibbli fl-Istati Membri (taħt proċedimenti ċivili, amministrattivi jew kriminali) tista' tkun raġuni oħra għalfejn l-EPO ma tintużax biżżejjed.

Il-Kummissjoni se tkompli tivvaluta l-konformità tal-Istati Membri mad-Direttiva u se tieħu l-miżuri xierqa biex tiżgura li jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tagħha madwar l-Unjoni kollha. Jekk meħtieġ, il-Kummissjoni se tiftaħ proċedimenti ta' ksur kontra l-Istati Membri li ma jkunux konformi mad-Direttiva.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni qed taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex tegħleb id-diffikultajiet fl-implimentazzjoni tad-Direttiva. B'mod partikolari, il-Kummissjoni qed tippromwovi, notevolment permezz ta' appoġġ finanzjarju, l-applikazzjoni effettiva ta' ordnijiet nazzjonali ta' protezzjoni, billi tqajjem sensibilizzazzjoni u tenfasizza l-ħtieġa li l-professjonisti jitħarrġu dwar id-disponibbiltà tal-EPO[10].

[10] Ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm dwar il-Ġustizzja għall-perjodu 2014 sa 2020, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 73–83